**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Stephen Vella iben Anthony u Rose xebba Rapa imwieled fis-16 ta' Settembru 1983 u li joqghod 'Vega', Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex.**

Illum 20 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-26 ta' Settembru 2001 ghall-habta tas-1.45a.m. f'Ghajnsielem, saq vettura Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni CBH 361 b'manjiera perikoluza (2) aktar talli naqas li jieqaf f'kantuniera fejn hemm sinjal ta' traffiku 'STOP' (3) b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura FAJ 632 C.W. Polo u nvolontarjament ikkaguna fuqha hsara estensiva ghad-dannu ta' sidha Francis Attard minn Birkirkara (4) aktar talli saq l-istess vettura hawn imsemmija minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (5) b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni skond id-disposizzjoniijiet tal-Kap 165, (6) fl-ahhar talli naqas li jipproduci lill-Pulizija fi zmien stipulat mill-Ligi l-Karta ta' l-Identita` tieghu. F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65, 328 (d) tal-Kap 9 u 3 tal-Kap 104.

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250);

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur